III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 38/2010**

**tat-30 ta' April 2010**

**li temenda l-Anness I (kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 19/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 123/2009 tal-10 ta' Frar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 dwar il-kundizzjonijiet għall-moviment tal-annimali fl-istess żona ristretta u l-kundizzjonijiet biex l-annimali jkunu eżentati mill-projbizzjoni tal-ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-ħnieżer ([3]), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/19/KE tad-9 ta' Jannar 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2008/655/KE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' tilqim ta' emerġenza kontra l-bluetongue minn ċerti Stati Membri u li tiffissa l-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-2007 u l-2008 ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/248/KE tat-18 ta' Marzu 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2008/185/KE dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-kummerċ tal-ħnieżer bejn Stati Membri jew reġjuni tagħhom li huma liberi mill-marda ta' Aujeszky ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/255/KE tal-20 ta' Marzu 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2003/135/KE dwar il-pjanijiet ta' qerda u ta' tilqim ta' emerġenza għad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer selvaġġi f'ċerti żoni tal-Istati Federali tat-Tramuntana tar-Renanja-Westfalja u tar-Renanja-Palatinat (il-Ġermanja) ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/342/KE tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2003/467/KE dwar id-dikjarazzjoni li ċerti reġjuni amministrattivi fl-Italja huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloži bovina, il-bruċelloži bovina u l-lewkoži bovina enżootika, li ċerti reġjuni amministrattivi fil-Polonja huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkoži bovina enżootika u li l-Polonja u s-Slovenja huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloži bovina ([7]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/422/KE tas-26 ta' Mejju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2003/135/KE dwar il-pjanijiet ta' qerda u ta' tilqim ta' emerġenza fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer selvaġġi f'ċerti żoni tal-Ġermanja ([8]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(9) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/630/KEE ([9]) li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim.

([1]) ĠU L 143, 10.6.2010, p. 8.
([2]) ĠU L 40, 11.2.2009, p. 3.
([3]) ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5.
([4]) ĠU L 8, 13.1.2009, p. 31.
([5]) ĠU L 73, 19.3.2009, p. 22.
([6]) ĠU L 75, 21.3.2009, p. 24.
([7]) ĠU L 104, 24.4.2009, p. 51.
([8]) ĠU L 137, 3.6.2009, p. 42.
([9]) ĠU L 340, 11.12.1991, p. 33.

(10) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward l-annimali ħajjin għajr il-ħut u l-annimali tal-akwakultura. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma tapplikax għall-Islanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Anness I tal-Ftehim.

(11) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għall-Islanda u għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 123/2009, tad-Direttiva 2008/120/KE u tad-Deċiżjonijiet 2009/19/KE, 2009/248/KE, 2009/255/KE, 2009/342/KE u 2009/422/KE, li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Mejju 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

*ANNESS*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 40 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007) fil-Parti 3.2:

"— **32009 R 0123**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 123/2009 tal-10 ta' Frar 2009 (ĠU L 40, 11.2.2009, p. 3)."

2. Taħt l-intestatura *"L-ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ"* l-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-punt 20 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/135/KE) fil-Parti 3.2:

"— **32009 D 0255**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/255/KE tal-20 ta' Marzu 2009 (ĠU L 75, tat-21.3.2009, p. 24),

— **32009 D 0422**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/422/KE tas-26 ta' Mejju 2009 (ĠU L 137, 3.6.2009, p. 42)."

3. Taħt l-intestatura *"L-ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ"* dan li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 45 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/655/KE) fil-Parti 3.2:

", kif emendat permezz ta':

— **32009 D 0019**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/19/KE tad-9 ta' Jannar 2009 (ĠU L 8, 13.1.2009, p. 31)."

4. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 70 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32009 D 0342**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/342/KE tat-23 ta' April 2009 (ĠU L 104, 24.4.2009, p. 51)."

5. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 84 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32009 D 0248**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/248/KE tat-18 ta' Marzu 2009 (ĠU L 73, 19.3.2009, p. 22)."

6. It-test tal-punt 5 (id-Direttiva tal-Kunsill 91/630/KEE) fil-Parti 9.1 għandu jitħassar.

7. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 10 (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005) fil-Parti 9.1:

"11. **32008 L 0120**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-ħnieżer (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Islanda."